MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA)
# AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

**MAGISTRATE DR.
ANTONIO MIZZI**

Sitting of the 18 th September, 2010

Number. 968/2010

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Irina Ostroukhova, bint Vladimir, imwielda r-Russja fit-18 ta' Awwissu, 1986, Passaport numru 63 No.8367602
U
Yulia Konstantinova, bint Andrew, imwielda r-Russja fil-25 ta' Mejju, 1991, Passport numru 63 No.9881168

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi kontra l-imputati:
1. talli fit-18 ta' Settembru, 2010 għal ħabta tal-4.30 a.m. ġewwa Triq santa Rita, San Ġiljan attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-Korp tal-pulizija, cioe' PS928 u PC834, waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi minn awtorita kompetenti;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurjaw u heddu lill-istess uffiċjali tal-pulizija, bħala persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħawhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, ħin u lok ma obdewx l-ordnijiet tal-pulizija;
4. talli fl-istess data, ħin u lok kisru l-buon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess data, ħin u lok għad illi kienu xurbana, qalu fil-pubbliku xi kliem oxen jew indeċenti;

lil **Yulia Konstantinova**, waħeda,
talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fuq il-'contact lenses' ta' PS928, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;

lil **Irina Ostroukhova**, waħeda,
talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr ma darbet jew sawtet, heddedt bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddbithom, jew qabdet armi oħra kontra PS928 u PC834.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2010 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li d-danni ta' €100 tħallsu mill-imputata qabel is-seduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2010 fejn l-imputati amettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom u skuzaw ruħhom tal-inċident.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata **Irina Ostroukhova** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) u 339(b) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien

sena mil-lum.  Issib lill-imputata **Yulia Konstantinova** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------